

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 246

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

18 ta' Settembru 2010

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 821/2010 tas-17 ta' Settembru 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 822/2010 tas-17 ta' Settembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 198/2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika marbuta mat-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi, fir-rigward tad-dejta li trid tinġabar, ir-rekwiżiti dwar teħid ta' kampjuni, il-preċiżjoni u l-kwalità ⁽¹⁾** 18
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 823/2010 tas-17 ta' Settembru 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, f'dak li għandu x'jaqsam mal-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja ⁽¹⁾** 33
- Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 824/2010 tas-17 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix
 73

Prezz: 4 EUR

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE
MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 821/2010

tas-17 ta' Settembru 2010

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika Ewropea dwar is-soċjetà tal-informazzjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004, huma meħtieġa miżuri ta' implimentazzjoni biex tiġi ddeterminata d-dejta li trid tiġi pprovduta għat-

tħejjija tal-istatistika msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tagħhom.

- (3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-dejta li trid tiġi trażmessa għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar is-soċjetà tal-informazzjoni kif imsemmi fl-Artikoli 3(2) u 4 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandha tkun kif speċifikat fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 143, 30.4.2004, p. 49.

ANNEX I

Modulu 1: L-intrapriżi u s-soċjetà tal-informazzjoni

1. IS-SUĠĠETTI U L-KARATTERISTIĊI TAGĦHOM

(a) Is-suġġetti li jridu jiġu koperti għas-sena ta' referenza 2011, magħżula mil-lista fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 808/2004, huma dawn li ġejjin:

- sistemi tal-ICT u l-użu tagħhom fl-intrapriżi,
- l-użu tal-Internet u networks elettroniċi oħra mill-intrapriżi,
- kummerċ elettroniku;
- proċessi tal-e-business u aspetti organizzattivi,
- l-użu tal-ICT minn intrapriżi sabiex jirċievu/jjibagħtu informazzjoni u servizzi lill-amministrazzjonijiet governattivi u pubbliċi (e-gvern),
- użu tal-ICT u l-impatt tagħha fuq l-ambjent (ICT Favur l-Ambjent),
- ostakli għall-użu tal-ICT, Internet u networks elettroniċi oħra, proċessi ta' kummerċ elettroniku u e-business.

(b) Għandhom jinġabru l-karatteristiċi li ġejjin marbuta mal-intrapriżi:

Sistemi ta' ICT u l-użu tagħhom fl-intrapriżi

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi kollha:

- l-użu tal-kompjuter.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- (mhix obligatorja) persuni impjegati li jużaw il-kompjuters tal-anqas darba fil-ġimgħa,
- (mhix obligatorja) l-użu ta' softwer disponibbli għal kulħadd b'xejn (open source): sistemi ta' operat,
- (mhix obligatorja) l-użu ta' softwer disponibbli għal kulħadd b'xejn (open source) softwer għat-tiftix bl-Internet,
- (mhix obligatorja) l-użu ta' softwer disponibbli għal kulħadd b'xejn (open source) softwer tal-uffiċċju,
- (mhix obligatorja) l-użu ta' softwer disponibbli għal kulħadd b'xejn (open source) softwer server tal-web,
- (mhix obligatorja) l-użu ta' softwer disponibbli għal kulħadd b'xejn (open source) applikazzjonijiet ta' ERP (Enterprise resource Planning/Ippjanar tar-riżorsi tal-Intrapriżi) jew CRM (Customer Relationship Management/Ġestjoni tar-Relazzjoni mal-Klienti) għall-awtomatizzazzjoni tal-proċess tan-negozju,
- (mhix obligatorja) l-użu ta' softwer disponibbli għal kulħadd b'xejn (open source) oħrajn,
- aċċess elettroniku għas-servizzi tar-riżorsi umani personali,
- użu ta' teknoloġiji RFID.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw l-RFID:

- użu tal-RFID għall-identifikazzjoni ta' persuna jew il-kontroll ta' aċċess,
- użu tal-RFID bħala parti minn proċess ta' twassil ta' servizz u produzzjoni,
- użu tal-RFID għall-identifikazzjoni tal-prodott wara l-bejgħ.

Użu tal-Internet u networks elettroniċi oħra mill-intrapriżi

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- aċċess għall-Internet.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li għandhom aċċess għall-Internet:

- (mhix obbligatorja) persuni impjegati li jużaw kompjuters imqabnda mal-World Wide Web tal-anqas darba fil-gimġha,
- konnessjoni mal-Internet: modem tradizzjonali jew ISDN,
- konnessjoni mal-Internet: DSL,
- konnessjoni mal-Internet: konnessjoni fissa oħra mal-Internet,
- konnessjoni mal-Internet: konnessjoni broadband mal-mowbajl,
- (mhix obbligatorja) konnessjoni mal-Internet: konnessjoni broadband tal-mowbajl permezz ta' handset b'talanqas teknoloġija 3G,
- (mhix obbligatorja) konnessjoni mal-Internet: konnessjoni broadband tal-mowbajl permezz ta' kompjuter portabbli li juża modem b'talanqas teknoloġija 3G,
- konnessjoni mal-Internet: konnessjoni oħra mal-mowbajl,
- konnessjoni mal-Internet: veloċità downstream ikkuntrattata massima tal-iktar konnessjoni tal-Internet veloċi f'MBit/s; ([0;< 2], [2;< 10], [10;< 30], [30;< 100], [≥100]),
- persuni impjegati li huma pprovduti b'apparat portabbli li għandu aċċess għall-Internet permezz ta' konnessjoni broadband bil-mowbajl,
- intrapriżi li jipprovdu lill-persuni impjegati b'apparat portabbli li għandu aċċess għall-Internet permezz ta' konnessjoni broadband bil-mowbajl (talanqas b'teknoloġija 3G),
- użu ta' websajt.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li għandhom websajt:

- provvista tal-faċilità li ġejja: faċilità biex tordna, tirriżerva jew tibbukja onlajn,
- (mhix obbligatorja) forniment tal-faċilità li ġejja: sqarrija speċifika dwar il-politika ta' privatezza, siġill ta' privatezza jew ċertifikat tas-sikurezza tal-websajt,
- (mhix obbligatorja) forniment tal-faċilità li ġejja: katalogi tal-prodotti jew listi tal-prezzijiet,
- (mhix obbligatorja) forniment tal-faċilità li ġejja: possibbiltà għal viżitaturi biex jippersonalizzaw jew jiddisinjaw il-prodotti,
- (mhix obbligatorja) forniment tal-faċilità li ġejja: faċilità li tittraċċa l-ordni onlajn,
- (mhix obbligatorja) forniment tal-faċilità li ġejja: kontenut personalizzat għal viżitaturi regolari/repetuti,
- (mhix obbligatorja) forniment tal-faċilità li ġejja: riklamar ta' postijiet tax-xogħol battala jew applikazzjoni għal xogħol onlajn.

L-użu tal-ICT minn intrapriżi sabiex jirċievu/jibagħtu informazzjoni u servizzi lill-amministrazzjonijiet governattivi u pubbliċi (e-gvern),

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li għandhom aċċess għall-Internet:

- użu tal-Internet għal ksib ta' tagħrif minn websajts jew paġni ewlenin tal-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- użu tal-Internet għal ksib ta' formoli minn websajts jew paġni ewlenin tal-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- użu tal-Internet biex jintbagħtu lura elettronikament il-formoli mimlija lill-awtoritajiet pubbliċi, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- (mhix obbligatorja) użu tal-Internet li jieħu ħsieb il-proċedura amministrattiva kollha b'mod elettroniku mingħajr ma tinħtieġ dokumentazzjoni fuq il-karti, fis-sena kalendarja ta' qabel,

- limitazzjoni tal-interazzjoni elettronika mal-awtoritajiet pubbliċi: tħassib marbut mal-kunfidenzjalità u s-sigurtà tad-dejta,
- limitazzjoni tal-interazzjoni elettronika mal-awtoritajiet pubbliċi: proċeduri elettroniċi kumplikati wisq jew li jieħdu wisq ħin,
- limitazzjoni tal-interazzjoni elettronika mal-awtoritajiet pubbliċi: proċeduri elettroniċi li għadhom jeħtieġu l-iskambju ta' ittri jew preżenza fiżika,
- limitazzjoni tal-interazzjoni elettronika mal-awtoritajiet pubbliċi: nuqqas ta' għarfien dwar id-dispożizzjoni ta' proċeduri elettroniċi,
- użu tal-Internet għal aċċess ta' dokumenti u speċifikazzjonijiet dwar offerti f'sistema elettronika ta' akkwist pubbliku, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- użu tal-Internet biex jiġu offruti oġġetti jew servizzi f'sistema elettronika nazzjonali ta' akkwist pubbliku (eTendering), fis-sena kalendarja ta' qabel,
- użu tal-Internet biex jiġu offruti oġġetti jew servizzi f'sistema elettronika ta' akkwist pubbliku (eTendering) fi Stati Membri oħra tal-UE, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- użu tal-Internet għall-istqarrija ta' kontributi soċjali għal persuni impjegati, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- użu tal-Internet għall-istqarrija tat-taxxa tal-kumpaniji, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- użu tal-Internet għall-istqarrija tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), fis-sena kalendarja ta' qabel,
- użu tal-Internet għall-istqarrija tas-sisa tad-dwana, fis-sena kalendarja ta' qabel.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għal intrapriżi li ma joffrux oġġetti jew servizzi f'sistema elettronika ta' akkwist pubbliku (eTendering) f'pajjiżhom stess, fis-sena kalendarja ta' qabel:

- (mhix obbligatorja) raġunijiet għaliex ma jiġux offruti oġġetti jew servizzi: l-intrapriża ma tbiegħx lis-settur pubbliku,
- (mhix obbligatorja) raġunijiet għaliex ma jiġux offruti oġġetti jew servizzi: tħassib marbut mal-kunfidenzjalità u s-sigurtà tad-dejta,
- (mhix obbligatorja) raġunijiet għaliex ma jiġux offruti oġġetti jew servizzi: nuqqas ta' għarfien dwar il-ħruġ ta' offerti elettroniċi rilevanti għall-intrapriża,
- (mhix obbligatorja) raġunijiet għaliex ma jiġux offruti oġġetti jew servizzi: oħrajn.

Proċessi tan-Negozju Elettroniku (e-business)

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- l-użu ta' skambju ta' dejta awtomatizzat, iddefinit bħala li tibgħat u/jew li tirċievi l-messaġġi permezz ta' kwalunkwe netwerk ta' kompjuter f'format bi qbil jew standard li jippermetti l-ipproċessar awtomatiku tagħhom mingħajr ma jiġi ttajpjat bl-idejn il-messaġġ individwali,
- tqassim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' taġġir rilevanti dwar l-ordnijiet ta' bejgħ li waslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni tal-inventarju tal-immaniġġjar,
- tqassim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' taġġir rilevanti dwar l-ordnijiet ta' bejgħ li waslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni tal-immaniġġjar tal-kontijiet,
- tqassim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' taġġir rilevanti dwar l-ordnijiet ta' bejgħ li waslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni tal-immaniġġjar tal-produzzjoni jew servizzi,
- tqassim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' taġġir rilevanti dwar l-ordnijiet ta' bejgħ li waslu (elettronikament jew le) bil-funzjoni tad-distribuzzjoni tal-immaniġġjar,
- tqassim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' taġġir rilevanti dwar l-ordnijiet ta' xiri li jintbagħtu (elettronikament jew le) bil-funzjoni tal-inventarju tal-immaniġġjar,

- tqassim b'mod elettroniku u awtomatiku ta' tagħrif rilevanti dwar l-ordnijiet ta' xiri li jintbagħtu (elettronika-ment jew le) bil-funzjoni tal-immaniġġjar tal-kontijiet,
- li jiġu rċevuti fatturi elettroniċi adatti għall-ipproċessar awtomatiku,
- li jiġu mibgħuta fatturi elettroniċi adatti għall-ipproċessar awtomatiku,
- li jiġu mibgħuta fatturi elettroniċi mhux adatti għall-ipproċessar awtomatiku.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw skambju awtomatizzat tad-dejta:

- l-użu ta' skambju ta' dejta awtomatizzat biex: jintbagħat jew jiġi rċevut tagħrif dwar il-prodott,
- l-użu ta' skambju ta' dejta awtomatizzat biex: jintbagħtu jew jiġu rċevuti dokumenti għat-trasport,
- l-użu ta' skambju ta' dejta awtomatizzat biex: jintbagħtu struzzjonijiet ta' ħlas lill-istituzzjonijiet finanzjarji,
- l-użu ta' skambju ta' dejta awtomatizzat biex: tintbagħat jew tiġi rċevuta dejta lil/minn awtoritajiet pubbliċi.

Il-kummerċ elettroniku (e-Commerce)

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- jiġu rċevuti ordnijiet permezz ta' websajts, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- jiġu rċevuti ordnijiet permezz ta' messaġġi tat-tip EDI, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- jintbagħtu ordnijiet permezz ta' netwerks tal-kompjuter, fis-sena kalendarja ta' qabel.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-impriżi li rċevew ordnijiet permezz ta' websajts:

- perċentwali tal-fatturat totali li jirriżulta minn ordnijiet li jaslu permezz ta' websajts, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- bejgħ elettroniku skont l-oriġini: fl-istess pajjiż,
- bejgħ elettroniku skont l-oriġini: fpajjiži oħra tal-UE,
- bejgħ elettroniku skont l-oriġini: fil-bqija tad-dinja.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għal intrapriżi li rċevew ordnijiet permezz ta' messaġġi tat-tip EDI:

- perċentwali tal-fattur totali li jirriżulta minn ordnijiet irċevuti permezz ta' messaġġi tat-tip EDI (eż. messaġġi tat-tip EDI, XML, EDIFACT, eċċ.), fis-sena kalendarja ta' qabel,
- bejgħ elettroniku skont l-oriġini: fl-istess pajjiż,
- bejgħ elettroniku skont l-oriġini: fpajjiži oħra tal-UE,
- bejgħ elettroniku skont l-oriġini: fil-bqija tad-dinja.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għal intrapriżi li bagħtu ordnijiet permezz ta' netwerks tal-kompjuter:

- (mhix obbligatorja) xiri bil-kummerċ elettroniku li jirriżulta minn ordnijiet magħmula permezz ta' netwerks tal-kompjuter, fi klassijiet ta' perċentwali, fis-sena kalendarja ta' qabel ([0;< 1], [1;< 5], [5;< 10], [10;< 25], [25;< 50], [50;< 75], [75;100]),
- (mhix obbligatorja) ordnijiet mibgħuta permezz ta' websajts, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- (mhix obbligatorja) ordnijiet mibgħuta permezz ta' messaġġi tat-tip EDI, fis-sena kalendarja ta' qabel,

- xiri elettroniċi skont l-orijini: fl-istess pajjiż,
- xiri elettroniċi skont l-orijini: f'pajjiżi oħra ta' UE,
- xiri elettroniċi skont l-orijini: fil-bqija tad-dinja.

Użu tal-ICT u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent (ICT Favur l-Ambjent)

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi li jużaw il-kompjuters:

- (mhix obbligatorja) politiki mfassla biex inaqqsu l-ammont ta' karta użat fl-istampar u l-ikkupjar,
- (mhix obbligatorja) politiki mfassla biex inaqqsu l-konsum tal-enerġija mill-apparat tal-ICT ta' intrapriża,
- (mhix obbligatorja) politiki dwar l-użu tat-telefown, il-konferenzi fil-web jew bil-vidjo minflok l-ivvjaġġar fiżiku,
- (mhix obbligatorja) l-użu ta' applikazzjonijiet dedikati tal-IT biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija għall-proċessi tan-negozju,
- (mhix obbligatorja) l-użu tal-applikazzjonijiet tal-IT biex jipprovdu lill-persuni impjegati aċċess mill-bogħod għas-sistema tal-e-Mails, id-dokumenti u l-applikazzjonijiet tal-intrapriża.

(c) Il-karatteristiċi li ġejjin dwar l-isfond tal-impriża għandhom jinġabru jew jinkisbu minn sorsi alternattivi:

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-intrapriżi kollha:

- l-attività ekonomika prinċipali għall-intrapriża, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- il-medja tal-għadd ta' persuni impjegati, fis-sena kalendarja ta' qabel,
- (mhix obbligatorja) xiri totali ta' prodotti u servizzi (f'termini ta' valur, eskluża l-VAT), fis-sena kalendarja ta' qabel,
- dħul totali mill-bejgħ (f'termini ta' valur, eskluża l-VAT), fis-sena kalendarja ta' qabel.

2. KOPERTURA

Il-karatteristiċi speċifikati fl-intestaturi 1(b) u 1(c) ta' dan l-Anness għandhom jinġabru u jinkisbu għall-intrapriżi kklassifikati taħt l-attivitàjiet ekonomiċi li ġejjin, għad-daqsjiet ta' intrapriżi li ġejjin u bil-firxa ġeografika li ġejja.

(a) Attività ekonomika: intrapriżi kklassifikati fil-kategoriji li ġejjin tan-NACE Rev. 2:

Kategorija NACE	Deskrizzjoni
Taqsimi C	"Manifattura"
Taqsimi D, E	"Elettriċità, gass u fwar, provvista tal-ilma, immaniġġjar ta' dranaġġ u ta' skart"
Taqsimi F	"Bini"
Taqsimi G	"Negozju bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi"
Taqsimi H	"Trasport u ħażna"
Taqsimi I	"Akkomodazzjoni u attivitàjiet ta' servizzi marbuta mal-ikel"
Taqsimi J	"Informazzjoni u komunikazzjoni"
(fakultattiva) Klassijiet 64.19, 64.92, 66.12 u 66.19 Gruppi 65.1 u 65.2	"Attivitàjiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni"
Taqsimi L	"Attivitàjiet marbuta ma' proprjetà immobbli"
Diviżjonijiet 69-74	"Attivitàjiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi"
Taqsimi N	"Attivitàjiet amministrattivi u ta' sostenn"
Grupp 95.1	"Tiswija ta' kompjuters u taġmhir għall-komunikazzjoni"

(b) Daqs tal-intrapriża: intrapriżi b'10 persuni impjegati jew aktar. Intrapriżi b'anqas minn 10 persuni impjegati għandhom jiġu koperti b'mod mhux obligatorju.

(c) Ambitu ġeografiku: intrapriżi li jinsabu fi kwalunkwe parti tat-territorju tal-Istat Membru.

3. PERJODI TA' REFERENZA

Il-perjodu ta' referenza hija s-sena 2010 għall-karatteristiċi li jirreferu għas-sena kalendarja ta' qabel. Il-perjodu ta' referenza huwa Jannar 2011 għall-karatteristiċi l-oħra.

4. TQASSIM

Għas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness, għandhom jingħataw il-karatteristiċi bl-isfond li ġejjin.

(a) Tqassim tal-attività ekonomika: skont l-aggregati NACE Rev. 2 li ġejjin:

Aggregazzjoni NACE Rev. 2
għal kalkolu possibbli tal-aggregati nazzjonali

10-18

19-23

24-25

26-33

35-39

41-43

45-47

49-53

55

58-63

(mhix obligatorja) 64.19 + 64.92 + 65.1 + 65.2 + 66.12 + 66.19

68

69-74

77-82

26.1-26.4, 26.8, 46.5, 58.2, 61, 62.01, 62.02, 62.03, 62.09, 63.1, 95.1

Aggregazzjoni NACE Rev. 2
għal kalkolu possibbli tal-aggregati Ewropej

10-12

13-15

16-18

26

27-28

29-30

31-33

45

46

47

55-56

58-60

61

62-63

(mhix obligatorja) 64.19 + 64.92

(mhix obligatorja) 65.1 + 65.2

(mhix obligatorja) 66.12 + 66.19

77-78 + 80-82

79

95.1

- (b) Tqassim tad-daqs tal-klassi: id-dejta għandha titqassam skont il-klassijiet tad-daqs li ġejjin bl-għadd ta' persuni impjegati.

Klassifikazzjoni tad-daqs

10 persuni impjegati jew aktar
 10 sa 49 persuna impjegata
 50 sa 249 persuna impjegata
 250 persuna impjegata jew aktar

Fejn kopert, it-tqassim li ġej għandu jiġi applikat għal intrapriżi li għandhom anqas minn 10 persuni impjegati. (Il-karatteristiċi għandhom jiġu pprovduti għal klassijiet ta' daqs 'B'anqas minn 5 persuni impjegati' u 'b'5 jew 9 persuni impjegati' b'mod mhux obbligatorju.)

Klassifikazzjoni tad-daqs

Anqas minn 10 persuni impjegati
 Anqas minn 5 persuni impjegati (mhix obbligatorja)
 5 sa 9 persuni impjegati (mhix obbligatorja)

5. PERJODIĊITÀ

Id-dejta għandha tiġi pprovduta darba għas-sena 2011.

6. LIMITI TA' ŻMIEN

- (a) Id-dejta aggregata imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004, fejn meħtieġ immarkata bħala kunfidenzjali jew mhux attendibbli, għandha tintbagħat lill-Eurostat qabel il-5 ta' Ottubru 2011. Sa dakinhar, il-ġabra ta' dejta għandha tkun iffinalizzata, ikkonvalidata u aċċettata. Il-format skedat ta' trażmissjoni li jinqara minn kompjuter għandu jsegwi l-istruzzjonijiet iprovduti mill-Eurostat.
- (b) Il-metadejta msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandha tintbagħat lill-Eurostat qabel il-31 ta' Mejju 2011. Il-metadejta għandha tkun skont il-mudell użat għar-rapport iprovdut mill-Eurostat.
- (c) Ir-rapport dwar kwalità msemmi fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandu jintbagħat lill-Eurostat qabel il-5 ta' Novembru 2011. Ir-rapport dwar il-kwalità għandu jkun skont il-mudell użat għar-rapport iprovdut mill-Eurostat.

ANNEX II

Modulu 2: Individwi, familji u s-soċjetà tal-informazzjoni

1. IS-SUĠĠETTI U L-KARATTERISTIĊI TAGĦHOM

(a) Is-suġġetti li jridu jiġu koperti għas-sena ta' referenza 2011, magħżula mil-lista fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 808/2004, huma dawn li ġejjin:

- l-aċċess għal u l-użu tal-ICT minn individwi u/jew familji,
- l-użu tal-Internet u networks elettroniċi oħra għal raġunijiet differenti minn individwi u/jew familji,
- kompetenzi u ħliet fl-ICT,
- ostakli għall-użu tal-ICT u l-Internet,
- l-użu tal-ICT minn individwi sabiex jirċievu/jjibagħtu informazzjoni u servizzi lill-amministrazzjonijiet governattivi u pubbliċi (e-gvern),
- l-aċċess għal u l-użu ta' teknoloġiji li jippermettu konnessjoni mal-Internet jew networks oħra minn kullimkien kull ħin (konnettività ubikwa).

(b) Għandhom jinġabru l-karatteristiċi li ġejjin:

Aċċess u użu tal-ICT minn individwi u/jew fid-djar

Karatteristiċi li jridu jinġabru għad-djar kollha:

- aċċess għal kompjuter mid-dar,
- aċċess għall-Internet mid-dar, sew jekk jintuża sew jekk le (permezz ta' kwalunkwe apparat),
- tip ta' konnessjoni użata biex jinkiseb aċċess għall-Internet mid-dar: modem (aċċess għad-dħul fl-Internet fuq il-linja normali tat-telefown) jew ISDN,
- tip ta' konnessjoni użata biex jinkiseb aċċess għall-Internet mid-dar: DSL (eż. ADSL, SHDSL, VDSL),
- tip ta' konnessjoni oħra broadband użata biex jinkiseb aċċess għall-Internet mid-dar: wajer fiss (eż. kejbil, optical fibre, Ethernet, PLC),
- tip ta' konnessjoni oħra broadband użata biex jinkiseb aċċess għall-Internet mid-dar: wireless fiss (eż. satellita, WiFi pubbliku, WiMax),
- tip ta' konnessjoni oħra broadband użata biex jinkiseb aċċess għall-Internet mid-dar: mowbajl (talanqas 3G, eż. UMTS),
- (mhix obbligatorja) tip ta' konnessjoni oħra broadband użata biex jinkiseb aċċess għall-Internet mid-dar: mowbajl tal-anqas permezz ta' handset 3G (eż. UMTS, mowbajl WiMax),
- (mhix obbligatorja) tip ta' konnessjoni oħra broadband użata biex jinkiseb aċċess għall-Internet mid-dar: mowbajl permezz tal-anqas ta' modem 3G (ċavetta tal-USB, karta tal-laptop),
- tip ta' konnessjoni użata biex jinkiseb aċċess għall-Internet mid-dar: mowbajl narrowband (eż. 2G+/GPRS, użat minn telefown ċellulari jew modem flaptop).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi kollha:

- l-użu l-aktar reċenti tal-kompjuter fid-dar, fix-xogħol jew f'post ieħor (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma ntuża kompjuter).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu wżaw kompjuter f'dawn l-aħħar tliet xhur:

- frekwenza medja ta' użu tal-kompjuter (kuljum jew kważi kuljum; tal-inqas darba fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum); tal-inqas darba fix-xahar (iżda mhux kull ġimgħa); anqas minn darba fix-xahar),

- (mhix obbligatorja) fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: id-dar,
- (mhix obbligatorja) fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tax-xogħol (għajr id-dar),
- (mhix obbligatorja) fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tat-tagħlim,
- (mhix obbligatorja) fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: f'dar ħaddieħor,
- (mhix obbligatorja) fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: x'imkien ieħor (eż. f'librerija pubblika, lukanda, ajruport, Internet kafè).

L-użu tal-Internet għal raġunijiet differenti minn individwi u/jew fid-djar

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi kollha:

- l-aktar użu reċenti tal-Internet (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma ntuża l-Internet).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li diġà jkunu wżaw l-Internet:

- l-aktar attività ta' kummerċ bl-Internet reċenti għal użu privat (f'dawn l-aħħar tliet xhur; bejn tliet xhur u sena ilu; aktar minn sena ilu; qatt ma sar xiri jew ordni).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur:

- frekwenza medja ta' użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur (kuljum jew kważi kuljum; tal-inqas darba fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum); tal-inqas darba fix-xahar (iżda mhux kull ġimgħa); anqas minn darba fix-xahar),
- fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: id-dar,
- fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tax-xogħol (għajr id-dar),
- fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: fuq il-post tat-tagħlim,
- fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: f'dar ħaddieħor,
- fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: xi mkien ieħor,
- (mhix obbligatorja) fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: librerija pubblika,
- (mhix obbligatorja) fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: uffiċċju tal-posta,
- (mhix obbligatorja) fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: uffiċċju pubbliku, muniċipju jew aġenzija tal-gvern,
- (mhix obbligatorja) fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: għaqda tal-komunità jew volontarja,
- (mhix obbligatorja) fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: Internet kafè,
- (mhix obbligatorja) fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: hotspot (flukandi, ajruporti, postijiet pubbliċi eċċ.),
- (mhix obbligatorja) fejn intuża l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur: oħrajn,
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati għall-parteċipazzjoni f'netwerks soċjali (ħolqien ta' profil tal-udent, impustar ta' messaġġi jew xi kontribuzzjoni oħra eż. fuq facebook, twitter),
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jaqra jew iniżżel aħbarijiet, gazzetti u rivisti tal-aħbarijiet onlajn,
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed ifittex taqdimat dwar is-saħħa,

- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed ifittex tagħrif dwar offerti edukattivi, ta' taħriġ jew ta' korsijiet,
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed isib tagħrif dwar oġġetti u servizzi,
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed iniżżel softwer (ħliet softwer l-logħob),
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati ta' qari u impustat ta' opinjonijiet dwar kwistjonijiet ċiviċi jew politiċi permezz ta' websajts (eż. blogs, networks soċjali),
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jieħu sehem f'konsultazzjonijiet jew votazzjonijiet onlajn biex jiġu definiti kwistjonijiet ċiviċi u politiċi (eż. l-ippjanar urban, l-iffirmar ta' xi petizzjoni),
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jagħmel kors onlajn (fi kwalunkwe suġġett),
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex jiġu kkonsultati wikis (għall-kisba ta' għarfien dwar kwalunkwe suġġett (eż. il-Wikipidja, xi enċiklopedija onlajn),
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed ifittex xogħol jew jibgħat applikazzjoni għal xogħol,
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati għall-parteċipazzjoni f'networks professjonali (ħolqien ta' profil tal-utent, impustar ta' messaġġi jew xi kontribuzzjonijiet oħra eż. fuq LinkedIn, Xing),
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed juża servizzi marbuta mal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni konnessa mal-ivvjaġġar,
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati għall-bejgħ ta' prodotti jew servizzi, eż. permezz ta' rkantijiet (eż. eBay),
- (mhix obbligatorja) l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati għal telefonati minn fuq l-Internet, telefonati viżivi (permezz ta' webcam) minn fuq l-Internet,
- (mhix obbligatorja) l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati għall-użu ta' servizzi bankarji fuq l-Internet.

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex jaqraw jew iniżżlu aħbarijiet, gazzetti u rivisti tal-aħbarijiet onlajn:

- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur għal għanijiet privati biex wieħed jaqra jew iniżżel aħbarijiet, gazzetti jew rivisti tal-aħbarijiet onlajn li wieħed ikun abbonat għalihom biex jirċivihom regolament (inklużi RSS).

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar:

- l-użu tal-Internet fl-aħħar tnax-il xahar biex issir imħatra (eż. imħatra fuq sports) jew logħob tal-ażżard jew lottu.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-individwi li jkunu użaw l-Internet għal attivitajiet kummerċjali bl-Internet għal użu privat f'dawn l-aħħar tnax-il xahar:

- l-użu tal-Internet biex wieħed jordna l-ikel jew il-merċa fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-Internet biex wieħed jordna oġġetti tad-dar fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-Internet biex wieħed jordna mediċina fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-Internet biex wieħed jordna films jew mużika fl-aħħar tnax-il xahar (irid jiġi rrapportat separatament: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),
- użu tal-Internet biex wieħed jordna kotba, rivisti jew gazzetti (inklużi kotba elettroniċi) fl-aħħar tnax-il xahar (irid jiġi rrapportat separatament b'materjal ta' taġħlim elettroniku: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),

- l-użu tal-Internet biex wieħed jordna materjal ta' taġlim elettroniku fl-aħħar tnax-il xahar (irid jiġi rrapportat separatament mal-kotba, rivisti jew gazzetti: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),
- użu tal-Internet biex wieħed jordna ħwejjeġ jew oġġetti sportivi fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-Internet biex wieħed jordna softwer għal loġhob bil-kompjuter u aġġornamenti f'dawn l-aħħar tnax-il xahar (għandu jiġi rrapportat separatament ma' softwer għal kompjueter u aġġornamenti: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),
- l-użu tal-Internet biex wieħed jordna kompjueter softwer u aġġornamenti f'dawn l-aħħar tnax-il xahar (għandu jiġi rrapportat separatament ma' softwer għal loġhob bil-kompjueter u aġġornamenti: jekk ġew ikkunsinjati onlajn),
- l-użu tal-Internet biex wieħed jordna hardwer tal-kompjueter fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-Internet biex wieħed jordna taġhmir elettroniku (inklużi kameras) fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-Internet biex jiġu ordnati servizzi ta' telekomunikazzjoni (eż. TV, abbonament fi broadband, abbonament f'linja fissa jew mowbajl, tqegħid ta' flus fkards telefoniċi mħallsa minn qabel),
- l-użu tal-Internet għax-xiri ta' ishma, polzi ta' assigurazzjoni u servizzi finanzjarji oħra fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-Internet għal akkomodazzjoni waqt btala (lukandi, eċċ.) fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-Internet biex wieħed jordna arranġamenti oħra ta' vvjaġġar (biljetti għat-trasport, kiri ta' karozza, eċċ.),
- l-użu tal-Internet biex wieħed jordna biljetti għal avvenimenti fl-aħħar tnax-il xahar,
- l-użu tal-Internet biex wieħed jordna oġġetti jew servizzi oħrajn fl-aħħar tnax-il xahar,
- oġġetti jew servizzi mixtrija jew ordnati fl-aħħar tnax-il xahar minn bejjiegħa nazjonali,
- oġġetti jew servizzi mixtrija jew ordnati fl-aħħar tnax-il xahar minn bejjiegħa minn pajjiżi oħrajn tal-UE,
- oġġetti jew servizzi mixtrija jew ordnati fl-aħħar tnax-il xahar minn bejjiegħa mill-bqija tad-dinja,
- oġġetti jew servizzi mixtrija jew ordnati fl-aħħar tnax-il xahar: il-pajjiżi tal-orijini tal-bejjiegħa mhux magħruf.

Kompetenzi u ħilet fl-ICT

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-individwi li jkunu xi darba użaw kompjueter:

- l-aktar kors ta' taħriġ riċenti ta' mill-inqas tliet sghat dwar kwalunkwe aspett tal-użu tal-kompjueter (f'dawn l-aħħar tliet snin; aktar minn tliet snin ilu; qatt ma seggew kors wieħed),
- ħilet fil-kompjueter ta' kkuppjar jew ċaqliq ta' fajl jew fowlder,
- ħilet fil-kompjueter għall-użu tal-ġhodda ta' kkuppjar u ppejstjar jew ċaqliq ta' informazzjoni fi ħdan dokument,
- ħilet fil-kompjueter għall-użu ta' formoli ta' aritmetika bażiċi ġewwa spreadsheet,
- ħilet fil-kompjueter għall-ikkompressar (jew iżżippjar) ta' fajls,
- ħilet fil-kompjueter għall-konnessjoni jew installazzjoni ta' strumenti ġodda, eż. modem,
- il-kitba ta' programm tal-kompjueter bl-użu ta' lingwa speċjalizzata tal-ipprogrammar,
- ħilet tal-kompjueter fit-trasferiment ta' fajls bejn kompjueter u apparat ieħor (minn kamera diġitali jew minn/lejn mowbajl, mp3/mp4 player),
- (mhix obligatorja) ħilet tal-kompjueter fl-immodifikar jew il-verifika tal-parametri tal-konfigurazzjoni tal-applikazzjonijiet tas-software (għajr il-brawżers tal-Internet),

- ħiliet tal-kompjuter għall-ħolqien ta' preżentazzjonijiet elettroniċi permezz ta' softwer tal-preżentazzjonijiet (eż. slajds) inklużi pereżempju immaġni, ħoss, filmati jew tabelli,
- ħiliet tal-kompjuter fl-istallar ta' sistema tal-operat ġdida jew il-bdil ta' waħda qadima.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-individwi li jkunu xi darba użaw kompjuter iżda li qatt ma jkunu hađu xi kors (ta' mill-anqas tliet sigħat) dwar kwalunkwe aspett tal-użu tal-kompjuter f'dawn l-aħħar tliet snin:

- raġuni għaliex ma tteħidx kors fl-użu tal-kompjuters: ebda hteġa ta' kors minħabba li wieħed ikollu biżżejjed ħiliet fil-kompjuter,
- raġuni għaliex ma tteħidx kors fl-użu tal-kompjuters: ebda hteġa ta' kors minħabba li l-individwu bilkemm juża l-kompjuter,
- raġuni għaliex ma tteħidx kors fl-użu tal-kompjuters: dak li jkun jistudja għal rasu jew isib assistenza mingħand ħaddieħor.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għal individwi li ġieli użaw kompjuter iżda qatt ma attendew kors (ta' tal-anqas tliet sigħat) dwar kwalunkwe aspett tal-użu tal-kompjuters f'dawn l-aħħar tliet snin u li ma semmewx bħala raġuni għal dan li l-ħiliet tal-kompjuter tagħhom kienu diġà suffiċjenti, li kważi qatt ma jużaw il-kompjuters jew li studjaw għal rashom jew sabu l-għajnuna ta' ħaddieħor:

- raġuni għaliex ma tteħidx kors fl-użu tal-kompjuters: nuqqas ta' ħin,
- raġuni għaliex ma tteħidx kors fl-użu tal-kompjuters: spejjeż tal-kors,
- raġuni għaliex ma tteħidx kors fl-użu tal-kompjuters: ebda kors ta' kontenut xieraq mhu disponibbli.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru għall-individwi li jkunu xi darba użaw l-Internet:

- ħiliet tal-Internet fl-użu ta' magni ta' tiftix biex jinstab it-tagħrif,
- ħiliet fl-Internet biex wieħed jibgħat e-mails b'fajls meħmuża magħhom,
- ħiliet fl-Internet fl-impustar ta' messaġġi lil chatrooms, gruppi ta' diskussjoni jew forums ta' diskussjoni onlajn (eż. f'websajts għan-netwerking soċjali),
- ħiliet fl-Internet biex wieħed juża l-Internet biex jagħmel telefonati,
- ħiliet fl-Internet għall-użu ta' qsim ta' fajl minn persuna magħrufa għall-oħra għall-iskambju ta' films, mużika, eċċ.
- ħiliet fl-Internet għall-ħolqien ta' paġna web,
- ħiliet fl-Internet biex jittellgħu onlajn fuq websajts testi, loġhob, immaġni, films jew mużika (eż. f'websajts għan-netwerking soċjali),
- ħiliet fl-intenet għall-immodifikar tas-settings tas-sigurtà tal-brawżers tal-Internet.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru dwar individwi li ġieli użaw kompjuter jew l-Internet u li għandhom xi ħila jew aktar fl-użu tal-kompjuter jew l-Internet (e-skills):

- mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: istituzzjoni edukattiva formalizzata,
- mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: korsijiet ta' taħriġ f'ċentru ta' edukazzjoni għall-adulti (iżda mhux fuq l-inizjattiva ta' min jimpjega),
- mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali (fuq talba ta' min jimpjega),
- mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: studju awtonomu permezz ta' kotba, CD-ROMs, korsijiet onlajn, wikis, forum tad-diskussjoni onlajn, eċċ.,
- mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: studju mingħajr għalliem fis-sens ta' li wieħed jitgħallem billi jipprova,
- mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: għajnuna mhux formali minn kollegi, qrafa, ħbieb,
- mod kif inkisbu l-ħiliet fl-elettronika: oħrajn,

- awtovalutazzjoni ta' kemm il-ħiliet individwali attwali tal-kompjuter u l-Internet huma suffiċjenti jekk huwa/hija jixtieq/tixtieq ifittex/tfittex xogħol jew isib/issib xogħol ieħor fi żmien sena (iva; le; mhux applikabbli),
- awtovalutazzjoni dwar jekk il-ħiliet attwali tal-individwu fl-użu tal-kompjuter jew l-Internet humiex suffiċjenti biex jikkomunika ma' qrabatu, ħbiebu jew il-kollegi tiegħu permezz tal-Internet (iva; le; mhux applikabbli),
- awtovalutazzjoni dwar jekk il-ħiliet attwali tal-individwu fl-użu tal-kompjuter jew l-Internet humiex suffiċjenti biex jipproteġi d-dejta personali (iva; le; mhux applikabbli),
- awtovalutazzjoni dwar jekk il-ħiliet attwali tal-individwu fl-użu tal-kompjuter jew l-Internet humiex suffiċjenti biex jipproteġi l-kompjuter privat minn viruses jew infezzjonijiet elettroniċi oħrajn (iva; le; mhux applikabbli).

Karatteristiċi li għandhom jinġabru dwar individwi li għadhom m'għalqux il-35 sena li ġieli użaw il-kompjuter jew l-Internet, li għandhom xi ħila jew aktar fl-użu tal-kompjuter jew l-Internet (e-skills) u li kisbu dawn il-ħiliet minn istituzzjoni tal-edukazzjoni formalizzata:

- (mhix obbligatorja) ħiliet tal-kompjuter jew l-Internet miksuba fl-iskejjel primarji jew l-ewwel snin tal-iskejjel sekondarji,
- (mhix obbligatorja) ħiliet tal-kompjuter jew l-Internet miksuba fis-snin aħħarin ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni sekondarja (skejjel immirati għal kwalifiki biex wieħed jidħol l-università jew jingħata impjeg li jirrikjedi xi ħila partikolari),
- (mhix obbligatorja) ħiliet tal-kompjuter jew l-Internet miksuba f'istituzzjoni tal-edukazzjoni terzjarja (eż. università li twassal għal-lawrji tal-BA, l-MA, il-PhD).

Ostakli għall-użu tal-ICT u l-Internet

Karatteristiċi li jridu jinġabru għal djar mingħajr aċċess għall-Internet mid-dar:

- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-Internet mid-dar: aċċess għall-Internet minn x'imkien ieħor,
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-Internet mid-dar: ma għandhomx bżonn l-Internet (minħabba li mhux utli, mhux interessanti, eċċ.),
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-Internet mid-dar: l-ispejjeż tat-tagħmir huma għoljin wisq,
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-Internet mid-dar: l-ispejjeż għall-aċċess huma għoljin wisq (telefown, abbonament tad-DSL, eċċ.),
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-Internet mid-dar: nuqqas ta' ħiliet,
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-Internet mid-dar: tħassib dwar sigurtà jew privatezza,
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-Internet mid-dar: l-Internet bil-broadband mhux disponibbli fiż-żona tagħna,
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-Internet mid-dar: diżabilità fiżika,
- raġuni għan-nuqqas ta' aċċess għall-Internet mid-dar: l-ebda waħda minn dawn ta' hawn fuq, iżda raġunijiet oħrajn.

L-użu tal-ICT minn individwi sabiex jirċievu/jibagħtu informazzjoni u servizzi lill-amministrazzjonijiet governattivi u pubbliċi (e-gvern)

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar:

- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal għanijiet privati biex wieħed jikseb tagħrif minn websajts ta' awtoritajiet pubbliċi,
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal għanijiet privati biex wieħed iniżżel formoli uffiċjali minn websajts ta' awtoritajiet pubbliċi,
- l-użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal għanijiet privati biex wieħed jibgħat formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru dwar individwi li użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal għanijiet privati biex jibgħatu formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi:

- (mhix obbligatorja) użu tal-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal għanijiet privati biex wieħed jibgħat formoli mimlijin għall-għan ta' dikjarazzjoni fiskali.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru dwar individwi li ma bagħtu l-ebda formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi bl-Internet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar għal għanijiet privati:

- raġuni għaliex ma bagħtux formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi permezz tal-Internet: ma kellhom għalfejn jibgħatu l-ebda formoli uffiċjali.

Karatteristiċi li għandhom jinġabru dwar individwi li ma bagħtu l-ebda formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi permezz tal-Internet għal għanijiet privati f'dawn l-aħħar tnax-il xhar u li ma tawx bħala raġuni għal dan li fil-fatt ma kellhom jibgħatu l-ebda formoli uffiċjali:

- raġuni għaliex ma bgħatux formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi permezz tal-Internet: it-tali servizz ma kien disponibbli fuq ebda websajt,
- raġuni għaliex ma bgħatux formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi permezz tal-Internet: feġġew problemi tekniċi fil-websajt waqt li l-formola kienet qed tintbagnet,
- raġuni għaliex ma bgħatux formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi permezz tal-Internet: nuqqas ta' ħila jew għarfien (eż. l-utent ma kienx jaf kif juża l-websajt jew l-użu tagħha kien kumplikat wisq),
- raġuni għaliex ma bgħatux formoli mimlijin lill-awtoritajiet pubbliċi permezz tal-Internet: tħassib dwar il-protezzjoni u s-sigurtà tad-dejta personali,
- l-ebda waħda minn dawn ta' hawn fuq, iżda raġunijiet oħrajn.

L-aċċess għal u l-użu ta' teknoloġiji li jippermettu konnessjoni mal-Internet jew networks oħra minn kullimkien kull ħin (konnettività ubikwa)

Karatteristiċi li jridu jinġabru għall-individwi li jkunu użaw l-Internet f'dawn l-aħħar tliet xhur:

- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-Internet 'il hinn mid-dar jew ix-xogħol: mowbajl (jew telefown smart),
- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-Internet lil hinn mid-dar jew ix-xogħol: mowbajl (jew telefown smart) permezz ta' GPRS,
- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-Internet 'il hinn mid-dar jew ix-xogħol: mowbajl (jew telefown smart) permezz tal-UMTS, HSDPA (tal-anqas 3G),
- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-Internet 'il hinn mid-dar jew ix-xogħol: mowbajl (jew telefown smart) permezz ta' WiFi jew WiMAX,
- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-Internet 'il hinn mid-dar jew ix-xogħol: kompjuter li jista' jinġarr (eż. laptop),
- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-Internet 'il hinn mid-dar jew ix-xogħol: kompjuter li jista' jinġarr (eż. laptop) permezz ta' ċavetta USB jew karta tal-laptop (bl-użu ta' tal-anqas mowbajl broadband 3G eż. UMTS),
- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-Internet 'il hinn mid-dar jew ix-xogħol: kompjuter li jista' jinġarr (eż. laptop) permezz ta' WiFi jew WiMAX pubbliku,
- l-użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-Internet lil hinn mid-dar jew ix-xogħol: ebda waħda minn dawn ta' hawn fuq, iżda xi mezz ieħor,
- l-ebda użu ta' strumenti mobbli biex jinkiseb aċċess għall-Internet lil hinn mid-dar jew ix-xogħol.

2. KOPERTURA

- L-unitajiet statistiċi li jridu jiġu rappreżentati għall-karatteristiċi elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness li jikkonċernaw id-djar huma djar li fihom tal-anqas membru wieħed fil-grupp b'età bejn 16 u 74.
- L-unitajiet statistiċi li jridu jiġu rappreżentati għall-karatteristiċi elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness jikkonċernaw individwi li huma individwi b'età bejn 16 u 74.
- L-ambitu ġeografiku irid ikopri djar u/jew individwi li jkunu jgħixu fi kwalunkwe parti tat-territorju tal-Istat Membru.

3. IL-PERJODU TA' REFERENZA

Il-perjodu ewlieni ta' referenza għall-istatistika li trid tinġabar huwa l-ewwel kwart tal-2011.

4. TQASSIM

(a) Għas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness li għandhom x'jaqsmu mad-djar, għandom jinġabru l-karatteristiċi ta' sfond li ġejjin:

- reġjun ta' residenza (irid jinġabar skont il-klassifikazzjoni tar-reġjuni NUTS1),
- (mhix obbligatorja) reġjun ta' residenza skont il-klassifikazzjoni NUTS2,
- lokalità ġeografika: residenza f'reġjuni ta' konverġenza (inklużi reġjuni li qed jitneħħew gradwalment); residenza f'reġjuni ta' impjiegi u kompetittività reġjonali,
- grad ta' urbanizzazzjoni: residenza f'żoni ta' popolazzjoni densa; residenza f'żoni ta' popolazzjoni intermedja; residenzi f'żoni ta' popolazzjoni baxxa,
- tip ta' familja: għadd ta' membri fil-familja (irid jinġabar separatament: għadd ta' tfal taħt is-16),
- (mhix obbligatorja) dħul nett fix-xhar tal-familja (jinġabar bħala valur jew bħala faxex kompatibbli mad-dħul kwartili).

(b) Għas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom elenkati fl-intestatura 1(b) ta' dan l-Anness li għandhom x'jaqsmu mal-individwi, għandom jinġabru l-karatteristiċi ta' sfond li ġejjin:

- reġjun ta' residenza (irid jinġabar skont il-klassifikazzjoni tar-reġjuni NUTS1),
- (mhix obbligatorja) reġjun ta' residenza skont il-klassifikazzjoni NUTS2,
- lokalità ġeografika: residenza f'reġjuni ta' konverġenza (inklużi reġjuni li qed jitneħħew gradwalment); residenza f'reġjuni ta' impjiegi u kompetittività reġjonali,
- grad ta' urbanizzazzjoni: residenza f'żoni ta' popolazzjoni densa; residenza f'żoni ta' popolazzjoni intermedja; residenzi f'żoni ta' popolazzjoni baxxa,
- sess: raġel; mara,
- pajjiż tat-twelid: nattiv tal-post; twieled fi Stat Membru ieħor tal-UE; twieled f'pajjiż mhux fl-UE,
- pajjiż taċ-ċittadinanza: nazzjonali; mhux ċittadin ta' xi Stat Membru ieħor tal-UE; non-ċittadin ta' pajjiż mhux tal-UE,
- (mhix obbligatorja) stat ta' żwieġ legali: għażeb; miżżewweġ (inkluża l-konvivenza reġistrata); armel u mhux miżżewweġ mill-ġdid (inkluż armel minn konvivenza reġistrata); iddivorzjat u mhux miżżewweġ mill-ġdid (inklużi l-konvivenzi reġistrati dissolti u s-separazzjonijiet legali),
- (mhix obbligatorja) stat ta' żwieġ *de facto*: persuna li tgħix funjoni kunsenswali (bejn sħab mhux miżżewwġa); persuna li ma tgħix funjoni kunsenswali,
- età fi snin sħaġ u faxex ta' età: taħt is-16 (mhix obbligatorja); 16 sa 24; 25 sa 34; 35 sa 44; 45 sa 54; 55 sa 64; 65 sa 74; 'il fuq minn 74 (mhix obbligatorja),
- l-ogħla livell ta' edukazzjoni mitmum skont il-Klassifikazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED 97): baxx (ISCED 0, 1 jew 2); medju (ISCED 3 jew 4); għoli (ISCED 5 jew 6); l-ebda edukazzjoni formali (ISCED 0); edukazzjoni primarja (ISCED 1); edukazzjoni sekondarja bikrija (ISCED 2); edukazzjoni sekondarja ogħla (ISCED 3); edukazzjoni postsekondarja iżda mhux terzjarja (ISCED 4); edukazzjoni terzjarja fl-ewwel stadju (ISCED 5); edukazzjoni terzjarja fit-tieni stadju (ISCED 6),
- sitwazzjoni tal-impjeg: impjegat jew jaħdem għal rasu, inklużi ħaddiema tal-familja; qiegħed; studenti li mhumiex fil-forza tax-xogħol; oħrajn li mhumiex fil-forza tax-xogħol,
- impjeg skont il-Klassifika tal-Istandards tal-Impjiegi Internazzjonali (ISCO-08): ħaddiema li jagħmlu xogħol manwali; ħaddiema li ma jagħmlux xogħol manwali; ħaddiema tal-ICT, ħaddiema mhux tal-ICT.

5. PERJODIĊITÀ

— Id-dejta għandha tiġi pprovduta darba għas-sena 2011.

6. SKADENZI GĦAT-TRAŻMISSJONI TAR-RIŻULTATI

- (a) Id-dokumentazzjoni tad-dejta individwali, li ma tippermettix l-identifikazzjoni diretta tal-unitajiet statistiċi kkonċernati, li fejn meħtieġ tiġi mmarkata fir-rigward tan-nuqqas ta' affidabbiltà, msemmija fl-Artikolu 6 u l-Anness II (6) tad-Regolament (KE) Nru 808/2004 trid tingħadda lill-Eurostat qabel il-5 ta' Ottubru 2011. Sa dakinhar, il-ġabra ta' dejta għandha tkun iffinalizzata, ikkonvalidata u aċċettata. Il-format ta' trażmissjoni li jkun jista' jinqara permezz tal-kompjuter għad-dokumentazzjoni tad-dejta individwali jrid isegwi l-mudell ipprovdut mill-Eurostat.
- (b) Ġabra magħżula ta' dejta aggregata skont kif jiġi meqjus bħala neċessarju għall-għanijiet ta' vvalidar u pubblikazzjoni rapida, li fejn meħtieġ tiġi mmarkata fir-rigward tal-kunfidenzjalità jew in-nuqqas ta' affidabbiltà, trid tingħadda lill-Eurostat qabel il-5 ta' Ottubru 2011. Sa dakinhar, il-ġabra ta' dejta għandha tkun iffinalizzata, ikkonvalidata u aċċettata. Il-format skedat ta' trażmissjoni li jinqara minn kompjuuter għandu jsegwi il-mudell ipprovdut mill-Eurostat.
- (c) Il-metadejta msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandha tintbagħat lill-Eurostat qabel il-31 ta' Mejju 2011. Il-metadejta għandha tkun skont il-mudell użat għar-rapport ipprovdut mill-Eurostat.
- (d) Ir-rapport dwar il-kwalità msemmi fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandu jintbagħat lill-Eurostat xahar wara li tingħadda l-aħħar ġabra ta' dejta, sa mhux aktar tard mill-5 ta' Novembru 2011. Ir-rapport dwar il-kwalità għandu jkun skont il-mudell użat għar-rapport ipprovdut mill-Eurostat.
-

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 822/2010

tas-17 ta' Settembru 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 198/2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika marbuta mat-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi, fir-rigward tad-dejta li trid tinġabar, ir-rekwiżiti dwar teħid ta' kampjuni, il-preċiżjoni u l-kwalità

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar l-istatistika marbuta mat-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 7(3), 8(2), 9(4), tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar it-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi.
